

32005E0584

29.7.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 199/95

**AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2005/584/PESK****tat-28 ta' Lulju 2005****li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Moldova**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Marzu 2005 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/265/PESK <sup>(1)</sup> li taħtar lis-Sur Adriaan JACOBVITS de SZEGED bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għall-Moldova.
- (2) Abbażi ta' revizzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/265/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż għal 6 xhur oħra.
- (3) L-EUSR ser jimplementa l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-għanijiet tal-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Adriaan JACOBVITS de SZEGED bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) għall-Moldova, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2005/265/PESK, huwa b'dan estiż sat-28 ta' Frar 2006.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 5(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/265/PESK għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat ta' l-EUSR għandu jkun ta' EUR 300 000."

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, 28 ta' Lulju 2005.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. STRAW

(<sup>1</sup>) ĠU L 81, 30.3.2005, p. 50.